MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
JOSEPH S. REFALO**

Seduta ta' l-24 ta' Marzu, 2006

Talba Numru. 1568/2004

**Citadel Insurance plc (C-21550) kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Raymond Farrugia u l-istess Raymond Farrugia
vs
Jonathan Borg**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-11 ta' Awissu, 2004, fejn intalab il-hlas ta' disa' mija u disghin lira Maltija u erbgha u tmenin centezmu (Lm990.84), prevja kull dikjarazzjoni ta' responsabbilita` opportuna, liema ammont jirraprezenta danni minnhom sofferti u spejjez minnhom inkorsi bhala konsegwenza ta' incident awtomobilistiku li sehh fi Triq il_Kunsill tal_Ewropa, Luqa, nhar il-25 t'Ottubru, 2002, bejn il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni LCE-041 misjuqa mill-**

**konvenut Jonathan Borg u l-vettura bin-numru ta' registrazzjoni AMK-001 proprjeta` tal-attur Raymond Farrugia u assigurata mal-kumpanija attrici, ghal liema incident jahti unikament il-konvenut stante negligenza, imperizja u nuqqas ta' harsien tar-regolamenti tat-traffiku da parti tieghu.**
**Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali interpellatorja u ta' dik ipprezentata kontestwalment a tenur tal-Kap.104 u bl-imghaxijiet sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.**

**Ra r-risposta prezentata fl-1 ta' Frar, 2005 fejn intqal illi t-talba attrici fil-konfront tal-konvenut hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra l-istess attrici, stante illi l-incident de quo sehh minghajr ebda htija da parti tal-istess konvenut, izda sehh unikament b'negligenza, traskuragni, imperizja jew nuqqas tat-tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parti tax-xufier tal-vettura attrici, kif jista' jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.**

**Semgha x-xhieda ta' PC367 Michael Sacco, Dr Edmund Zammit Laferla, Gaetano Farrugia u Jonathan Borg. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz. Semgha lid-difensuri tal-partijiet jittrattaw il-kaz. Ra l-verbal tas-seduta tat-28 t'April, 2005, li fiha il-konvenut iddikjara li ma kienx hemm kontestazzjoni dwar il-kwantum tad-danni.**

**Ikkunsidra :**
**1. Dan il-kaz jirrigwarda kollizzjoni illi sehhet fil-25 ta' Ottubru, 2002, fit-Triq il-Kunsill tal-Ewropa, Luqa. Il-vetturi involuti fil-kollizzjoni kienu l-vettura bin-numru AMK-001, misjuqa minn Gaetano Farrugia u propjeta tal-attur, u l-vettura LCE-041 misjuqa mill-konvenut Borg.**
**2. Skond ir-road accident report Gaetano Farrugia qal illi waqt illi kien mixi fid-direzzjoni Paola, wara li qabez il-vettura tal-konvenut, l-istess konvenut kiser fuq il-lemin ghal go fih. Il-konvenut da parti tieghu jghid illi l-incident sehh meta Farrugia kien qed jiprova jaqbzu u habat fih.**

**3. Gaetano Farrugia fix-xhieda tieghu qal illi l-konvenut intefa fuqu f'daqqa u rassu mas-central strip. Farrugia b-brekja pero' kien ga milqut. Skond Farrugia meta kellem lill-konvenut, dan qallu illi beza li jolqot il-kaxxa tat-trakk ma xi sigra. Farrugia jghid illi l-konvenut ma xeghelx indicator. It-trakk tal-konvenut laqat lill-attur fuq quddiem u wkoll il-mudguard ta' wara.**
**4. Il-konvenut jghid li kien wasal fl-ahhar bicca tat-Triq il-Kunsill tal-Ewropa u hemm hekk it-triq is-serrep, fis-sens illi l-ewwel bicca hija wisa' u eventwalment tidjieq. Jghid illi ra lill-attur fil-mera tal-genb, ir-ross biex jaqbzu u skond hu dan kien qed jitkellem fuq il-mobile. Il-konvenut jghid illi hu dahal il-gewwa kemm seta, pero' ma setax jidhol aktar minhabba s-sigar.**
**5. Mil provi mismugha specjalment mill-iskizz, mir-ritratti esebiti, huwa aktar probabbli illi t-trakk laqat lill-attur bil-ganc, tant illi l-vettura ta' l-istess attur garbet ticrita. Jirrizulta li l-konvenut kien konxju mis-sigar li kellu fil-genb, kif ukoll mill-attur. Ma hemmx prova konklusiva li l-attur kien fuq mobile kif allegat. Li jirrizulta pero' illi f'dik il-parti tat-triq, zewg vetturi jghaddu kexun. Apparti minn dan jirrizulta li t-triq mhux dritta u wkoll li z-zewg vetturi kienu ta' certu kobor.**
**6. Fic-cirkostanzi jidher illi z-zewg partijiet kellhom bicca tort ghal incident li sehh, fis-sens illi t-tnejn baqu r-rossu biex jghaddu. Mil pozizzjoni ta' kif spiccaw il-vetturi huwa in vero simili illi l-attur kien qed jisorpassa. L-attur kellu oblugu wkoll illi jara t-traffiku fil-kareggata l-ohra, pero' il-manuvra kif sehhet titfa aktar responsabbilta fuq il-konvenut. Ghalhekk it-Tribunal qed isib lill-konvenut responsabbli ghal incident fi grad ta' zewg terzi u lil Farrugia fil-grad ta' terz.**
**7. Id-danni ma gewx kontestati u konsegwentament il-konvenut ghandu jhallas lill-attur is-somma ta' sitt mija u sittin lira maltija u sitta u hamsin centezmu (Lm660.56).**

**Ghaldaqstant it-Tribunal qed jiddikjara lill-konvenut responsabbli biss fi grad ta' zewg terzi u konsegwentament jikkundanah ihallas lill-attur is-somma ta' sitt mija u sittin lira maltija u sitta u hamsin centezmu (Lm660.56) bl-imghaxijiet legali dekoribbli mill-lum sad-data tal-effettiv pagament.**
**Fic-cirkostanzi l-ispejjez ghandhom jigu sopportati in kwantu ghal zewg terzi mill-konvenut u terz mill-atturi.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------